# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru   13**

**Avviz  numru  162/01/SM**

**David Christie**

**vs**

**Ivan Caruana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

**1. Iddikjarat il-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-11 ta' Gunju 2000 fil-Mosta meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru EAQ 297 imhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mal-vettura**

**numru FBB 525 proprjeta' tal-attur, u ikkaguna hsara konsiderevoli f'din il-vettura;**

2. **Illikwidati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' sitt mija u tmien liri Maltin u sitta u tletin centezmi (LM608.36,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;**

3. **Ikkundannat il-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

4. **Bl-ispejjez komprisi dawk tal-konsult (LM15.00,0), ta' Ittra Ufficjali tal-24 ta' Gunju 2000 u ta' ittra Ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenut li jibqa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-16 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi dak li talab l-attur ghandu jigi michud bl-ispejjes kontra tieghu peress li ghall-incident stradali de quo ma kienx jahti l-eccipjent;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tan-12.30 p.m. tal-11 ta' Gunju tas-sena 2000 gewwa Triq il-Kultellazz, kantuniera ma' Triq Trincetta, il-Mosta;**

2. **Illi l-vetturi involuti kienu wahda tal-marka Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni EAQ-297 misjuqa mill-konvenut Ivan Caruana iben il-proprjetarju Carmelo, u l-ohra tal-marka Skoda Favorit bin-numru ta' registrazzjoni FBB-525 misjuqa minn Andrew Christie iben l-attur David;**

3. **Illi jirrizulta li Andrew Christie fuq indikat kien qed isuq fi Triq il-Kultellazz filwaqt li Ivan Caruana kien qed isuq fi Triq it-Trincetta, il-Mosta;**

4. **Illi meta z-zewg vetturi wasslu fuq xulxin sehh l-incident in dizamina kif jirrizulta fl-iskizz ufficcjali pprezentat fl-atti;**

5. **Illi ma jirrizulta li kien hemm l-ebda ostakolu vizwali li seta jimpedixxi lill-konducenti minn vizwali ottima ghas-sewqan;**

6. **Illi kuntrarju ghall-ammont indikat ta' danni ndikati mill-attur fl-avviz tieghu, effettivament sofra danni ammontanti ghall-hames mija u tnejn sittin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu, (LM562.66,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi effettivament l-incident odjern seta' facilment gie evitat kemm-il darba l-konducenti involuti ezercitaw dik il-prudenza tant necessarja u rikjesta minnhom ghall-inkolumita' taghhom u ta' haddiehor;**

**Illi ghalkemm il-velocita' eccessiva m'hix wahda mir-ragunijiet ghal dan l-incident pero' l-assunzjoni ta' omnipotenza hi;**

**Illi konducent ghandu jinduna li l-vettura li tkun taht il-kmand tieghu ma tatiehx xi drittijiet assoluti li permezz taghhom terzi ghandhom iwarbulu minn triqtu;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi illi:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Ivan Caruana u Andrew Christie ugwalment responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' hames mija u tnejn u sittin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu, (LM562.66,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Ivan Caruana jhallas lill-attur Carmel Caruana nofs dan l-ammont hekk likwidat cioe' mitejn wiehed u tmenin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu, (LM281.33,0), bl-imghaxijiet relattivi skond il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficcjali tal-24 ta' Gunju, 2000, bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**